VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,111, 19 ta' Lulju, 2013
Taqsima B

A.L. 206 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Gżejjer u Stati Żgħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Gżejjer u Stati Żgħar bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Islands and Small States Studies taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Gżejjer u Stati Żgħar, ippubblikati bħala Avviż Legali 201 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II f'qasam ta' studju rilevanti għall-qasam ewlieni magħżul mill-applikanti; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala ekwivalenti għall-kwalifika msemmija fis-sottoparagrafu (a); jew

(ċ) f'każijiet eċċezzjonali l-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li ma jkollhomx grad ta' Bachelor, sakemm li jkun sodisfatt li dawn l-applikanti jkollhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-livell tal-ewwel grad.

(2) Id-dħul tal-applikanti li l-ewwel grad tagħhom jew il-kwalifiki professjonali u l-esperjenza tagħhom mhumiex fil-qasam ta' studju ewlieni magħżul minnhom isir wara intervista fejn tiġi valutata l-abbiltà tagħhom biex itemmu l-Kors b'suċċess.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri."